

Brussell, 10 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9597/21

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0002(COD)

CODEC 856
IXIM 114
FRONT 227
VISA 129
SIRIS 60
COPEN 262
COMIX 317
PE 66

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1861 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-7 sal-10 ta' Ġunju 2021)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u mad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċizzjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-president tal-kumitat Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR (S&D, ES) ippreżenta emenda ta' kompromess (emenda numru 66) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq f'isem il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-7 ta' Ġunju 2021, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (emenda numru 66) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2021 kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2021)0264

Emendi konsegwenzjali tal-ETIAS: fruntieri u viżi ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2021 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tal-ETIAS u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2018/1861 (COM(2019)0004 – C8-0024/2019 – 2019/0002(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0004),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(a), (b) u (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0024/2019),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-31 ta' Marzu 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0255/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ġunju 2021 bil-għan li jiġi adottat ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861 u (UE) 2019/817 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 77(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

■

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2021.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ stabbilixxa s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar ("ETIAS") għal ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-obbligu li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni. Dak ir-Regolament stabbilixxa l-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex tinħareġ jew tiġi miċħuda awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar skont l-ETIAS.
- (2) L-ETIAS tippermetti kunsiderazzjoni dwar jekk il-preżenza ta' dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri tistax toħloq riskju ta' sigurtà, ta' immigrazzjoni illegali jew riskju epidemiku kbir.
- (3) Sabiex is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tkun tista' twettaq l-ipproċessar tal-fajls ta' applikazzjoni kif imsemmija fir-Regolament (UE) 2018/1240, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-interoperabbiltà bejn is-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, minn naħa waħda, u s-sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS"), il-Eurodac u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali - Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi ("ECRIS-TCN"), ("sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE"), u d-data tal-Europol kif definita f'dak ir-Regolament ("data tal-Europol"), min-naħa l-oħra. ■

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

- (4) Dan ir-Regolament, flimkien mar-Regolamenti (UE) 2021/...⁵⁺ u (UE) 2021/...⁶⁺⁺ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà bejn is-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, minn naħa waħda, u sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE u d-data tal-Europol, min-naħa l-oħra, u l-kundizzjonijiet għall-konsultazzjoni tad-data maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE u d-data tal-Europol mill-ETIAS għall-fini li jiġu identifikati awtomatikament il-hits. Riżultat ta' dan, jeħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti ■ (UE) Nru 767/2008⁷, (UE) 2017/2226⁸, (UE) 2018/1240, **(UE) 2018/1860⁹**, (UE) 2018/1861 ■ ¹⁰ u **(UE) 2019/817¹¹ tal-Parlament**

⁵ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ĠU L ...).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE 15/21 (2019/0001A (COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ĠU L ...).

++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE 16/21 (2019/0001B (COD)) u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju dwar is-Sistema ta' l-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar viżi għal soġġorn qasir, vii għal soġġorn twil u permessi ta' residenza (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

⁹ ***Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).***

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

¹¹ ***Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni***

Ewropew u tal-Kunsill sabiex is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tiġi konnessa ma' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn u mad-data tal-Europol u biex tiġi speċifikata d-data li ser tintbagħat bejn daww is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u d-data tal-Europol.

█

tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

- (5) *Il-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², ser jippermetti li d-data maħżuna fl-ETIAS u d-data maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn ikkonċernati tiġi mfittxija b'mod parallel.*
- (6) L-arranġamenti tekniċi jenħtieġ li jiġu stabbiliti biex jippermettu lill-ETIAS tivverifika regolarment u awtomatikament f'sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE jekk il-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-fajls tal-applikazzjoni, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1240, għadhomx issodisfati.
- (7) Bl-għan li jiġi żgurat il-ksib sħiħ tal-oġġettivi tal-ETIAS, kif ukoll biex jitkomplew l-oġġettivi tas-SIS stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1860, jeħtieġ li tiġi inkluża fl-ambitu tal-verifiki awtomatizzati *katgorija* ta' twissija *ġdida introdotta* b'dak ir-Regolament, jiġifieri *l-alert ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn.*

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

- (8) *Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew ma jkunux għadhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,¹³ huwa komponent essenzjali tal-isforzi komprensivi biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u jirrappreżenta raġuni importanti ta' interess pubbliku sostanzjali.*
- (9) *Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' preċiżjoni u affidabbiltà tad-data, huwa importanti li jsir rapportar ta' hits foloz iġġenerati fil-livell tal-Unità Ċentrali tal-ETIAS.*
- (10) *Sabiex jiġu ssupplimentati ċerti aspetti tekniċi dettaljati tar-Regolament (UE) 2018/1240, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-korrispondenza bejn id-data preżenti f'rekord, allert jew fajl tas-sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE ikkonsultati u d-data preenti fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.*

¹³ *Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkun qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).*

¹⁴ *ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.*

- (11) **Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1240, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-arranġamenti tekniċi għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati maż-żamma tad-data u biex tagħti aktar dettalji dwar ir-regoli relatati mal-appoġġ lit-trasportaturi li għandu jiġi pprovdut mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵.**
- (12) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi d-dettalji tal-proċeduri ta' riżerva fil-każ ta' impossibbiltà teknika ta' aċċess għad-data mit-trasportaturi u biex tagħti aktar dettalji dwar ir-regoli relatati mal-appoġġ lit-trasportaturi li għandhom jiġu pprovduti mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. Daww is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

¹⁵ ***Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).***

- (13) Huwa possibbli li jiġu revokati l-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tal-ETIAS wara li jiddaħħlu li fis-SIS allerti ġodda għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn, jew allerti ġodda rigward dokument tal-ivvjaġġar irrapportat bħala mitluf, misruq, miżapproprjat jew invalidat. Sabiex is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tkun informata awtomatikament mis-SIS dwar allerti ġodda bħal dawn, jenħteġ li jiġi stabbilit proċess awtomatiku bejn is-SIS u l-ETIAS.
- (14) Bil-għan li tiġi razzjonalizzata u simplifikata l-ħidma tal-gwardji tal-fruntiera permezz tal-implimentazzjoni ta' proċess għall-kontroll tal-fruntieri aktar uniformi għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jfittxu li jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri għal soġġorn qasir u wara l-adozzjoni tar-Regolamenti (UE) 2017/2226 u (UE) 2018/1240, huwa mixtieq li l-mod kif l-EES u l-ETIAS jaħdmu flimkien jiġi allinjat mal-mod kif l-EES u l-VIS huma integrati wieħed mal-ieħor għall-fini ta' kontroll tal-fruntieri u u li jirreġistraw l-qsim tal-fruntieri fl-EES.

(15) Il-kundizzjonijiet, **inklużi d-drittijiet tal-aċċess**, li skonthom l-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw data maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE għall-finijiet tal-ETIAS jenħtieġ li jiġu salvagwardjati permezz ta' regoli ċari u preċiżi rigward l-aċċess mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għad-data maħżuna f'sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE, it-tipi ta' tfittxija u l-kategoriji ta' data, li kollha kemm huma jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom. **Jenħtieġ li l-aċċess tal-Istati Membri permezz tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE l-oħrajn ikun f'konformità mal-parteċipazzjoni fl-istrumenti legali rispettivi.** Bl-istess mod, id-data maħżuna fil-fajls tal-applikazzjoni tal-ETIAS jenħtieġ li tkun viżibbli biss għal dawk l-Istati Membri li joperaw is-sistemi ta' informazzjoni sottostanti f'konformità mal-arranġamenti għall-parteċipazzjoni tagħhom.. Bħala eżempju, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mas-SIS u l-VIS jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, li għalihom id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/UE¹⁶, (UE) 2017/733¹⁷, (UE) 2017/1908¹⁸ u (UE) 2018/934¹⁹ dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-SIS u l-VIS huma rilevanti.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/365/UE tad-29 ta' Ġunju 2010 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 166, 1.7.2010, p. 17);

¹⁷ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/733 tal-25 ta' April 2017 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 31).

¹⁸ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39).

¹⁹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-*acquis* ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

- (16) *Fejn diffikultajiet tekniċi jagħmluha impossibbli għat-trasportaturi li jaċċessaw is-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS permezz tal-gateway tat-trasportaturi, jenħtieġ li l-Unità Ċentrali tal-ETIAS tipprova appoġġ operazzjonali lit-trasportaturi sabiex tillimita l-impatt fuq l-ivvjaġġar tal-passiġġieri u t-trasportaturi sa fejn ikun possibbli. Għal dik ir-raġuni, jeħtieġ li jiġu allinjati l-proċeduri ta' riżerva fil-każ ta' impossibbiltà teknika, inkluż appoġġ operazzjonali, previsti fil-VIS, fl-ETIAS u fl-EES.*
- (17) Skont **l** ir-Regolament (UE) 2018/1240, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, tkun responsabbli għall-fażi ta' tfassil u żvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ETIAS.
- (18) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/38/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**²¹.

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

²¹ **Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).**

(19) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-*Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)* u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk hijiex ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

■

(20) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²²; għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

²² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

- (21) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen²³, li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, il-punti A, B, **C u G** tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE²⁴.
- (22) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen²⁵ li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, il-punti A, B, **C u G** tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqraw flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE²⁶ .

²³ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

²⁵ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

²⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

(23) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen²⁷ li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, il-punti A, B, **C u G** tad-Deċiżjoni **tal-Kunsill** 1999/437/KE li jinqraw flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE²⁸ .

²⁷ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

²⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

- (24) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-VIS, is-SIS u l-EES jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li b'xi mod ieħor huma marbutin miegħu, rispettivament, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011 li jinqraw flimkien mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/365/UE, (UE) 2017/733, (UE) 2017/1908 u (UE) 2018/934.
- (25) Jenħtieġ li, għalhekk, ir-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, **(UE) 2018/1240**, (UE) 2018/1861 u **(UE) 2019/817** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jiġu emendati *skont dan*.

- (26) *Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu emendati r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861 u (UE) 2019/817 sabiex is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tiġi konnessa ma' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE u mad-data tal-Europol u biex tiġi speċifikata d-data li ser tintbagħat lil u minn dawk is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u d-data tal-Europol, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, imma jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.*
- (27) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

KAPITOLU I
EMENDI GĦAR-REGOLAMENT (UE) 2018/1240

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (UE) 2018/1240 ■

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

"(28) "sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE" tfisser is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ ("EES"), stabbilita bir-Regolament (UE) 2017/2226, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża ("VIS"), stabbilita bir-Regolament bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ("SIS"), stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1860**, (EU) 2018/1861*** u (UE) 2018/1862**** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ***il-Eurodac, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill******** u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali Ewropew – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi ("ECRIS-TCN"), stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****";

* Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar viżi għal soġġorn qasir, vii għal soġġorn twil u permessi ta' residenza (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

** Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

- *** Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).
- **** Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

***** Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

***** Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).';

(2) *l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:*

(a) *il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(e) tappoġġa l-objettivi tas-SIS relatati mal-allerti rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn, allerti dwar persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja jew għal finijiet ta' estradizzjoni, allerti dwar persuni nieqsa, allerti dwar persuni mfittxija biex jgħinu fi proċedura ġudizzjarja, allerti dwar persuni għal verifiki diskreti jew verifiki speċifiċi u allerti dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn;"

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ea **█**) tappoġġa l-oġġettivi tal-EES; **█** ";

(3) **█** fl-Artikolu 6(*paragrafu2*), *jiddaħħal il-punt li ġej:*

"(da) kanal ta' komunikazzjoni sikur bejn is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS u s-Sistema Ċentrali tal-EES;

█

(4) *l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:*

(a) f'il-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) f'każijiet fejn il-proċess awtomatizzat ta' applikazzjoni jirrapporta hit, u jivverifika skont l-Artikolu 22 jekk id-data personali tal-applikant tikkorrispondix mad-data personali tal-persuna li tkun iġġenerat dik il-hit fis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, f'xi waħda mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE li jiġu kkonsultati, fid-data tal-Europol, f'xi waħda mill-bażijiet ta' data tal-Interpol imsemmija fl-Artikolu 12, jew l-indikaturi ta' riskji speċifiċi msemmija fl-Artikolu 33, u fejn korrispondenza tiġi kkonfermata jew fejn wara li jifdal dubji dwar tali verifika, jagħti bidu għall-ipproċessar manwali tal-applikazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 26;"

(b) *jżdzied il-paragrafu li ġej:*

"4. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tipprovdi rapporti perjodiċi lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar hits foloz kif msemmi fl-Artikolu 22(4) li jiġu ġġenerati matul il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20(2).";

(5) l-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Interoperabbiltà ma' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE u ma' data tal-Europol

1. L-interoperabbiltà bejn is-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, minn naħa waħda, u sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE u data tal-Europol, min-naħa l-oħra, għandha tiġi stabbilita biex tippermetti l-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, l-Artikolu 23, *il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6)* **█**, l-Artikolu 41 u *l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament u għandha tiddependi mill-Portal Ewropew tat-Tfittxija ("ESP"), stabbilit bl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/818*, mid-data msemmija fl-Artikolu 72(1b) tar-Regolament (UE) Nru 2019/817 u fl-Artikolu 68(1b) tar-Regolament (UE) 2019/818.*

█

2. Għall-fini tal-proċediment tal-verifiki msemmija ***fil-punt (i) tal-Artikolu 20(2)*** , il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6) u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1), għandhom jippermettu lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta l-VIS bid-data li ġejja pprovduta mill-applikanti skont ***il-punti (a), (aa), (c) u (d) tal-Artikolu 17(2)*** :

- (a) il-kunjom (isem il-familja);
- (b) il-kunjom mat-twelid;
- (c) l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja));
- (d) id-data tat-twelid;
- (e) il-post tat-twelid;
- (f) il-pajjiż tat-twelid;

- (g) is-sess;
- (h) in-nazzjonalità attwali;
- (i) nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm);
- (j) it-tip, in-numru, il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar.

3. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija **fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 20(2)** , il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) għandhom jippermettu lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta l-EES bid-data li ġejja pprovduta mill-applikanti skont **il-punti (a) sa (d)** tal-Artikolu 17(2) :

- (a) il-kunjom (isem il-familja);
- (b) il-kunjom mat-twelid;
- (c) l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja));
- (d) id-data tat-twelid;

- (e) is-sess;
 - (f) in-nazzjonalità attwali;
 - (g) ismijiet oħra (pseudonomu/pseudonimi);
 - (h) l-isem/ismijiet artistiku/artistiċi;
 - (i) l-isem/ismijiet tas-soltu;
 - (j) nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm);
 - (k) it-tip, in-numru, il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar.
4. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija ***fil-punti (c), (m)(ii) u (o) tal-Artikolu 20(2)*** u fl-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament, il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta s-SIS, kif stabbilit ***mir-Regolamenti (UE) 2018/1860 u (UE) 2018/1861***, bid-data li ġejja pprovduta mill-applikanti skont ***il-punti (a) sa (d) u (k) tal-Artikolu 17(2)*** ta' dan ir-Regolament :
- (a) il-kunjom (isem il-familja);
 - (b) il-kunjom mat-twelid;
 - (c) l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja));

- (d) id-data tat-twelid;
- (e) il-post tat-twelid;
- (f) is-sess;
- (g) in-nazzjonalità attwali;
- (h) ismijiet oħra (pseudonomu/pseudonimi);
- (i) l-isem/ismijiet artistiku/artistiċi;
- (j) l-isem/ismijiet tas-soltu;
- (k) nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm);
- (l) it-tip, in-numru, il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar;
- (m) għall-minuri, il-kunjom u l-isem/ismijiet tal-persuna li tkun qed teżerċita l-awtorità tal-ġenitur jew tal-kustodju legali tal-applikant.

5. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija **fil-punti (a), (d) u (m)(i) tal-Artikolu 20(2)** u fl-Artikolu 23(1) ta' dan ir-Regolament, il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta s-SIS, stabbilita mir-Regolament (UE) 2018/1862, bid-data li ġejja pprovduta mill-applikanti skont **il-punti (a) sa (d) u (k)** tal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament:

- (a) il-kunjom (isem il-familja);
- (b) il-kunjom mat-twelid;
- (c) l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja));
- (d) id-data tat-twelid;
- (e) il-post tat-twelid;

- (f) is-sess;
- (g) in-nazzjonalità attwali;
- (h) ismijiet oħra (pseudonomu/pseudonimi);
- (i) l-isem/ismijiet artistiku/artistiċi;
- (j) l-isem/ismijiet tas-soltu;
- (k) nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm);
- (l) it-tip, in-numru, il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar;
- (m) għall-minuri, il-kunjom u l-isem/ismijiet tal-persuna li tkun qed teżerċita l-awtorità tal-ġenitur jew tal-kustodju legali tal-applikant.

6. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija **fil-punt (n) tal-Artikolu 20(2)** , il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta l-ECRIS-TCN bid-data li ġejja pprovduta mill-applikanti skont **il-punti (a) sa (d)** tal-Artikolu 17(2) :

- (a) il-kunjom (isem il-familja);
- (b) il-kunjom mat-twelid;
- (c) l-isem/l-ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja));
- (d) id-data tat-twelid;
- (e) il-post tat-twelid;
- (ea) il-pajjiż tat-twelid;**

- (f) is-sess;
- (g) in-nazzjonalità attwali;
- (h) ismijiet oħra (pseudonomu/pseudonimi);
- (i) l-isem/ismijiet artistiku/artistiċi;
- (j) l-isem/ismijiet tas-soltu;
- (k) nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm);
- (l) it-tip, in-numru, il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar.

7. Għall-fini ta' proċediment għall-verifiki msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 20(2), il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6) u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tikkonsulta d-data tal-Europol bid-data msemmija fil-punti **(a), (aa), (b), (c), (d), (f), (g), (j), (k) and (m)**, tal-Artikolu 17(2) u fl-Artikolu 17(8).
8. Fejn il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikoli 20 u 23 jirrapportaw hit, ***l-ESP għandu jipprovi lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS b'aċċess temporanju, f'format li jinqara biss, għar-riżultati ta' dawk il-verifiki awtomatizzati*** Fil-każ tal-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, dak l-aċċess għandu jiġi pprovdut fil-fajl tal-applikazzjoni sat-tmiem tal-ipproċessar manwali skont l-Artikolu 22(2). Meta d-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tikkorrispondi ma' dik tal-applikant jew meta, wara l-verifiki awtomatizzati skont l-Artikoli 20 u 23, jkun fadal id-dubji, ***in-numru ta' referenza*** uniku ***tar-rekord fis-sistema ta' informazzjoni tal-UE kkonsultata*** tad-data li tkun attivat il-hit għandhom jinżammu fil-fajl tal-applikazzjoni.

Fejn il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20 jirrapportaw hit, dawk il-verifiki awtomatizzati għandhom jirċievi n-notifika xierqa f'konformità mal-Artikolu 21(1a) tar-Regolament (UE) 2016/794.

9. Hit tinħoloq meta d-data kollha jew xi data mill-fajl tal-applikazzjoni użat għal konsultazzjoni tkun tikkorrispondi b'mod sħiħ jew parzjali għad-data preżenti f'rekord, allert jew fajl tas-sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE ikkonsultati. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 89 sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-korrispondenza bejn id-data preżenti f'rekord, allert jew fajl tas-sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE ikkonsultati u fajl tal-applikazzjoni.***
10. Għall-fini tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbli l-arranġamenti tekniċi għall-implimentazzjoni ***tal-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6)*** u ***l-punt (b) tal-Artikolu 54(1)*** relatati maż-żamma tad-data. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 90(2).

11. Għall-fini tal-Artikoli 25(2), 28(8) u 29(9), meta tiġi rreġistrata d-data relatata ma' hits fil-fajl tal-applikazzjoni, l-oriġini tad-data għandha tiġi indikata bid-data li ġejja:
- (a) it-tip ta' alertt bl-eċċezzjoni ta' alertti kif imsemmija fl-Artikolu 23(1);
 - (b) is-sors tad-data, jiġifieri s-sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE li minnhom oriġinat id-data jew id-data tal-Europol, kif xieraq;
 - (c) *in-numru ta' referenza fis-sistema ta' informazzjoni tar-rekord tal-UE kkonsultata* li jkun ħoloq il-hit u l-Istat Membru li jkun daħħal jew ipprova d-data li tkun ħolqot il-hit u,
 - (d) meta jkunu disponibbili, id-data u l-ħin meta d-data tkun iddaħħlet fis-sistema ta' informazzjoni tal-UE oħra jew id-data tal-Europol.

Id-data msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun aċċessibbli u viżibbli biss mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS meta s-Sistema Ċentrali tal-ETIAS ma tkunx tista' tidentifika l-Istat Membru responsabli.

* Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

(6) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 11b

Appoġġ għall-oġġettivi tal-EES

Għall-finijiet tal-Artikoli 6, 14, 17 **u 18** tar-Regolament (UE) 2017/2226, proċess awtomatizzat, bl-użu ***tal-kanal*** tal-komunikazzjoni ***sikur tal-punt (da)*** msemmi fl-Artikolu 6(2) ■ ta' dak ir-Regolament, għandu jikkonsulta u jimporta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(2) ta' dak ir-Regolament, kif ukoll in-numru tal-applikazzjoni u ***d-data tal-iskadenza*** tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS, u għandu ***joħloq jew*** jaġġorna r-rekord ta' dħul/ħruġ ***jew ir-rekord tar-rifjut tad-dħul*** fl-EES skont dan.";

Artikolu 11c

Interoperabbiltà bejn l-ETIAS u l-EES għall-fini tar-revoka ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS fuq talba ta' applikant

- 1. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 41(8), proċess awtomatizzat, bl-użu tal-kanal ta' komunikazzjoni sikur imsemmi fil-punt (da) tal-Artikolu 6(2), għandu jikkonsulta s-Sistema Ċentrali tal-EES biex jivverifika li l-applikanti li jitolbu r-revoka tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tagħhom ma jkunux preżenti fit-territorju tal-Istati Membri.*
- 2. Meta l-eżitu tal-verifika fis-Sistema Ċentrali tal-EES skont il-paragrafu 1 jindika li l-applikant mhuwiex preżenti fit-territorju tal-Istati Membri ir-revoka għandha tkun effettiva minnufih.*
- 3. Meta l-eżitu tal-verifika skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jindika li l-applikant huwa preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, għandu japplika l-Artikolu 41(8). Is-sistema Ċentrali tal-EES għandha tirreġistra l-fatt li notifika trid tintbagħat lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS hekk kif ikun inħoloq rekord ta' dħul/ħruġ li jindika li l-applikant li jkun talab ir-revoka tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri.";*

(7) *l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 12

Konsultazzjonijiet tal-bażijiet ta' data tal-Interpol

- 1. Is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tikkonsulta l-bażi ta' data tal-Interpol ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD) u l-bażi ta' data tal-Interpol ta' Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (TDAWN).*
- 2. Kwalunkwe konsultazzjoni u verifika għandha titwettaq b'tali mod li l-ebda informazzjoni ma tkun żvelata lis-sid tal-allert tal-Interpol.*
- 3. Jekk l-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 ma tiġix żgurata, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS ma għandhiex tikkonsulta l-bażijiet ta' data tal-Interpol.";*

(8) fl-Artikolu 17(4), il-punt (a) huwa sostitwit minn dan li ġej:

"(a) jekk l-applikant ikunx instab ħati fil-25 sena preċedenti ta' reat terroristiku jew fil-15-il sena ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness, u jekk ikun il-każ, meta u f'liema pajjiż;"

(9) l-Artikolu 20(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibda konsultazzjoni billi tuża l-ESP biex tqabbel id-data relevanti msemmija fil-punti (a), (aa), (b), (c), (d), (f), (g), (j), (k) u (m) tal-Artikolu 17(2) u fl-Artikolu 17(8) mad-data preżenti f'rekord, fajl jew allert irreġistrati f'fajl tal-applikazzjoni maħżun fis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, fis-SIS, fl-EES, fil-VIS, f'Eurodac, fl-ECRIS-TCN, fid-data tal-Europol u fil-bażijiet ta' data SLTD u TDAWN tal-Interpol. B'mod partikolari, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tivverifika:

(a) jekk id-dokument tal-ivvjaġġar użat għall-applikazzjoni jikkorrispondix għal dokument tal-ivvjaġġar irrapportat bħala mitluf, misruq, miżapproprjat jew invalidat fis-SIS;

(b) jekk id-dokument tal-ivvjaġġar użat għall-applikazzjoni jikkorrispondix għal dokument tal-ivvjaġġar irrapportat bħala mitluf, misruq jew invalidat fl-SLTD;

(c) jekk l-applikant huwiex soġġett għal allert dwar rifjut ta' dħul u soġġorn imdaħħal fis-SIS;

(d) jekk l-applikant huwiex soġġett għal allert fir-rigward ta' persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew jew mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' estradizzjoni fis-SIS;

(e) jekk l-applikant u d-dokument tal-ivvjaġġar jikkorrispondux għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar irrifjutata, irrevokata jew annullata fis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS;

(f) jekk id-data pprovduta fl-applikazzjoni li tikkonċerna d-dokument tal-ivvjaġġar tikkorrispondix għal applikazzjoni oħra għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar assoċjata ma' data ta' identità differenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 17(2) fis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS;

(g) jekk l-applikant ikunx f'dak il-mument irrapportat bħala persuna li tibqa' fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn jew jekk l-applikant fil passat kienx ġie rrapportat bħala persuna li tibqa' fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn fl-EES;

(h) jekk l-applikant huwiex irregiŕtrat li kien ġie rriŕjutat id-dħul fl-EES;

(i) jekk l-applikant kienx soġġett għal deċiżjoni ta' rriŕjut, annullament jew revoka ta' viża għal soġġorn qasir irregiŕtrata fil-VIS;

(j) jekk id-data pprovduta fl-applikazzjoni tikkorrispondix mad-data rregiŕtrata fid-data tal-Europol;

(k) jekk l-applikant huwiex irregiŕtrat fil-Eurodac;

(l) jekk id-dokument tal-ivvjaġġar użat għall-applikazzjoni jikkorrispondix għal dokument tal-ivvjaġġar irregiŕtrat f'fajl fit-TDAWN;

(m) f'każijiet fejn l-applikant ikun minorenni, jekk l-awtorità tal-ġenitur jew tal-kustodju legali tal-applikant:

(i) hijiex suġġetta għal allert fir-rigward ta' persuni mfittxija għall-arrest għal finijiet ta' konsenja abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew jew imfittxija għall-arrest għal finijiet ta' estradizzjoni fis-SIS;

(ii) hijiex soġġetta għal allert ta' rriŕjut ta' dħul u soġġorn imdaħħal

fis-SIS.

- (n) jekk l-applikant jikkorrispondix għal persuna li d-data tagħha ġiet irreġistrata fl-ECRIS TCN u mmarkata f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/816; dik id-data għandha tintuża biss għall-fini tal-verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS skont l-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament u għall-fini ta' konsultazzjoni tar-rekords kriminali nazzjonali mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS skont l-Artikolu 25a(2) ta' dan ir-Regolament; l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandhom jikkonsultaw ir-rekords kriminali nazzjonali qabel il-valutazzjonijiet u d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament u, fejn applikabbli, qabel il-valutazzjoni u l-opinjonijiet skont l-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament;
- (o) jekk l-applikant huwiex soġġett għal allert dwar ritorn imdaħħal fis-SIS.";

(10) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta tiġi kkonsultata, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandu jkollha aċċess għall-fajl tal-applikazzjoni u għal kwalunkwe fajl tal-applikazzjoni marbut miegħu, kif ukoll għall-hits kollha ġġenerati waqt il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20(2), (3) u (5) u għall-informazzjoni identifikata mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS taħt l-Artikolu 20(7) u (8).";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) id-data preżenti fis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS;"

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Jekk id-data tikkorrispondi għal dik tal-applikant, meta jkun għad fadal dubji rigward l-identità tal-applikant jew meta l-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20(4) irrapportaw hit, l-applikazzjoni għandha tiġi pproċessata manwalment f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 26.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS għandha żżomm rekords tal-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data mwettqa mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS għall-fini tal-verifika skont il-paragrafi 2 sa 6. Dawk ir-rekords għandhom jinħolqu u jiddaħħlu awtomatikament fil-fajl tal-applikazzjoni. Huma għandhom juru d-data u l-ħin ta' kull operazzjoni, id-data marbuta mal-hit irrapportat, il-membru tal-persunal ■ li jkun wettaq l-ipproċessar manwali skont il-paragrafi 2 sa 6, l-eżitu tal-verifika u l-ġustifikazzjoni korrispondenti.";

(II) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) *fil-paragrafu 1*, il-punt (c) ■ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) allert dwar persuni għal verifiki diskreti, kontrolli ta' investigazzjoni jew verifiki speċifiċi.";

(b) *il-paragrafu 2* huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta t-tqabbil imsemmi fil-paragrafu 1 jirrapporta hit waħda jew aktar, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat notifika awtomatizzata lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. Meta notifikata, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandu jkollha aċċess *f'konformità mal-Artikolu 11(8)* għall-fajl tal-applikazzjoni u kwalunkwe fajl tal-applikazzjoni marbut, sabiex tivverifika jekk id-data personali tal-applikant tikkorrispondix mad-data personali inkluża fl-allert li jkun ħoloq dik il-hit, u jekk tiġi kkonfermata korrisondenza, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tibgħat notifika awtomatizzata lill-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li jkun daħħal l-allert. L-Uffiċċju SIRENE kkonċernat għandu jkompli jivverifika jekk id-data personali tal-applikant tikkorrispondix mad-data personali inkluża fl-allert li jkun ħoloq il-hit u jieħu kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa.";

(ii) *jżdzied is-subparagrafu li ġej:*

"Meta l-hit tkun tikkonċerna allert dwar ritorn, l-Uffiċċju SIRENE tal-Istat Membru li daħħal l-allert għandu jivverifika, f'kooperazzjoni mal-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tiegħu, jekk huwiex meħtieġ li jitħassar l-allert dwar ritorn f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2018/1860 u li jiddaħħal allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861.";

(c) *il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"4. Is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha żżid referenza għal kwalunkwe hit irrapportat skont il-paragrafu 1 fil-fajl tal-applikazzjoni. Dik ir-referenza għandha tkun viżibbli u aċċessibbli biss għall-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Uffiċċju SIRENE notifikati f'konformità mal-paragrafu 3, sakemm ma jkunux previsti limitazzjonijiet oħra f'dan ir-Regolament.";

█

(12) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 25a

Użu ta' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE għall-ipproċessar manwali tal-applikazzjonijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(1), ***il-persunal awtorizzat kif xieraq tal-Unitajiet*** Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollu aċċess dirett għal sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE, u għandu jkun jista' jikkonsultahom, f'format li jinqara biss, biex jeżamina applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar u jadotta deċiżjonijiet relatati ma' dawk l-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 26. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw:

- (a) id-data msemija fl-Artikoli 16, 17 u 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226;
 - (b) id-data msemija fl-Artikoli 9 sa 14 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;
 - (c) *id-data msemija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2018/1861 ipproċessata għall-finijiet tal-Artikoli 24, 25 u 26 ta' dak ir-Regolament;*
 - (d) *id-data msemija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2018/1861 ipproċessata għall-finijiet tal-Artikolu 26 u l-punti (k) u (l) tal-Artikolu 38(2) ta' dak ir-Regolament;*
 - (e) *id-data msemija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1860 ipproċessata għall-finijiet tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.*
2. *Dment li hit tirriżulta mill-verifika skont il-punt (n) tal-Artikolu 20(2), il-persunal debitament awtorizzat tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu wkoll ikollhom aċċess direttament jew indirettament, skont il-liġi nazzjonali, għad-data rilevanti mir-rekords kriminali nazzjonali tal-Istat Membru tagħhom stess sabiex jiksbu l-informazzjoni dwar *ċittadini* ta' pajjiż terz, kif definit fir-Regolament (UE) 2019/816, ikkundannati għal reat terroristiku jew kwalunkwe reat ieħor *elenkat fl-Anness ta' dan ir-Regolament*, għall-finijiet imsemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu."*

(13) l-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) **fil-paragrafu 3**, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) tivvaluta r-riskju ta' sigurtà jew ta' immigrazzjoni illegali u tiddeċiedi toħroġx jew tirrifjutax awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar meta l-hit tikkorrispondi għal kwalunkwe verifika msemmija fil-punti (b) u (d) sa (o) tal-Artikolu 20(2).";

(b) **jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

"3a. Meta l-ipproċessar awtomatizzat skont il-punt (o) tal-Artikolu 20(2) jirrapporta hit, l-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru responsabbli għandha:

- (a) **tirrifjuta awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-applikant meta l-verifika skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tkun wasslet għat-tħassir tal-allert dwar ritorn u l-inklużjoni ta' allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn;**
- (b) **tivvaluta r-riskju ta' sigurtà jew ta' immigrazzjoni illegali u tiddeċiedi toħroġx jew tirrifjutax awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar fil-każijiet l-oħra kollha.**

L-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru li jkun daħħal id-data għandha tikkonsulta lill-Uffiċċju SIRENE tagħha biex tivverifika jekk it-tħassir tal-allert dwar ritorn skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2018/1860 u, fejn applikabbli, l-inklużjoni ta' allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2018/1861 humiex meħtieġa.";

(c) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta l-ipproċessar awtomatizzat skont il-punt (n) tal-Artikolu 20(2) ikun rrapporta hit, iżda ma jkunux irrapportaw hit skont il-punt (c) ta' dak il-paragrafu, l-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru responsabbli għandha tagħti kunsiderazzjoni partikolari lin-nuqqas ta' tali hit fil-valutazzjoni tagħha tar-riskju ta' sigurtà sabiex tiddeċiedi toħroġ jew turrifjutax awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar.";

(14) *fl-Artikolu 28(3), jiżdied is- subparagrafu li ġej:*

"Għall-fini tal-ipproċessar manwali skont l-Artikolu 26, l-opinjoni pożittiva jew negattiva ġustifikata għandha tkun viżibbli biss mill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru kkonsultat u mill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru responsabbli.";

(15) *fl-Artikolu 37(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"3. L-applikanti li jkunu ġew irrifjutati awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar għandu jkollhom id-dritt ta' appell.

L-appelli għandhom isiru fl-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni u skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. Matul il-proċedura ta' appell, l-appellant għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni fil-fajl tal-applikazzjoni skont ir-regoli dwar protezzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament. L-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru responsabbli għandha tipprovdi lill-applikanti b'informazzjoni dwar il-proċedura ta' appell. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiżi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 li tiegħu l-applikant ikun ċittadin.";

(16) l-Artikolu 41(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, jekk jiddaħħal allert ġdid fis-SIS rigward *rifjut* ta' dħul u ta' soġġorn, jew rigward dokument tal-ivvjaġġar irrapportat bħala mitluf, misruq, miżapproprjat jew invalidat, is-SIS għandha tinforma lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS. Is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tivverifika jekk dak l-allert il-ġdid jikkorrispondix għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar valida. Jekk dan ikun il-każ, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tittrasferixxi l-fajl tal-applikazzjoni lill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru li jkun daħħal l-allert. Jekk ikun iddaħħal allert ġdid għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn, l-Unità Nazzjonali tal-ETIAS għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. Jekk l-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tkun marbuta ma' dokument tal-ivvjaġġar irrapportat bħala mitluf, misruq, miżapproprjat jew invalidat fis-SIS jew fil-bażi tad-data SLTD tal-Interpol, l-Unità Nazzjonali tal-ETIAS għandha tipproċessa l-fajl tal-applikazzjoni manwalment.";

(187 *l-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:*

(a) *il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. Jekk ikun teknikament impossibbli li wieħed jipproċedi bil-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1), minħabba ħsara fi kwalunkwe parti mis-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, it-trasportaturi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jivverifikaw il-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar valida. Meta tali ħsara tiġi identifikata mill-eu-LISA, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinnotifika lit-trasportaturi u lill-Istati Membri. Għandha wkoll tinnotifika lit-trasportaturi u lill-Istat Membru meta l-ħsara tissewwa. Meta tali ħsara tiġi identifikata mit-trasportaturi, huma jistgħu jinnotifikaw lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinforma lill-Istati Membri mingħajr dewmien dwar in-notifika tat-trasportaturi.";

(b) *il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"3. Meta għal raġunijiet oħra għajr ħsara fi kwalunkwe parti mis-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, ikun teknikament impossibbli għal trasportatur li jipproċedi bil-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 45(1) għal perjodu twil ta' żmien, it-trasportatur għandu jinnotifika lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinforma lill-Istati Membri mingħajr dewmien dwar in-notifika ta' dak it-trasportatur.";

(c) *jiżdied il-paragrafu li ġej:*

"5. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha ttiprovdi appoġġ operazzjonali lit-trasportaturi b'rabta mal-paragrafi 1 u 3. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tistabbilixxi proċeduri operazzjonali standard li jstipulaw kif dan l-appoġġ għandu jingħata. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tingħata s-setgħa li tadotta aktar regoli dettaljati dwar l-appoġġ li għandu jingħata u l-mezzi biex jingħata dan l-appoġġ. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 90(2).";

(18) fl-Artikolu 47(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jekk il-persuna għandhiex awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar valida, inkluż jekk l-istatus tal-persuna jikkorrispondix għall-istatus imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1), u, fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar b'validità territorjali limitata maħruġa skont l-Artikolu 44, l-Istat Membru jew l-Istati Membri li għalih jew għalihom hija valida;"

(19) fl-Artikolu 64, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Id-dritt ta' aċċess għal data personali skont dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) 2018/1862."

(20) *fl-Artikolu 73(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"L-eu-LISA għandha tiżviluppa u timplimenta s-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, inkluż il-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS, l-NUIs, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni, u l-kanal ta' komunikazzjoni sikur bejn is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS u s-Sistema Ċentrali tal-EES, mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta':

(a) il-miżuri previsti fl-Artikoli 6(4), 16(10), 17(9), l-Artikolu 31 u l-Artikoli 35(7), 45(2), 54(2), 74(5), 84(2) u 92(8); u

(b) il-miżuri adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 90(2) li huma meħtieġa għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni teknika tas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, l-NUIs, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni, il-kanal ta' komunikazzjoni sikur bejn is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS u s-Sistema Ċentrali tal-EES u l-portal tat-trasportaturi, b'mod partikolari atti ta' implimentazzjoni:

- (i) *għall-aċċess għad-data skont l-Artikoli 22 sa 29 u l-Artikoli 33 sa 53;*
- (ii) *għall-emendar, it-tħassir u t-tħassir minn qabel ta' data skont l-Artikolu 55;*
- (iii) *għaż-żamma tar-reġistrazzjonijiet u l-aċċess għalihom skont l-Artikoli 45 u 69;*
- (iv) *għar-rekwiżiti ta' prestazzjoni;*
- (v) *għall-ispeċifikazzjonijiet għal soluzzjonijiet tekniċi għall-ikkonnettjar tal-punti ta' aċċess ċentrali skont l-Artikoli 51, 52 u 53."*

(21) l-Artikolu 88 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-emendi meħtieġa għall-atti legali li jstabilixxu s-sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE li bihom l-interoperabbiltà, skont it-tifsira tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, trid tiġi stabbilita bid-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-ETIAS, bl-eċċezzjoni tar-riformulazzjoni **tar-Regolament (UE) Nru 603/2013**";

(ii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej;

"(d) il-miżuri msemmija fl-Artikolu ■ 11(9) **u (10)**, l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikolu 18(4), l-Artikolu 27(3) u (5), l-Artikolu 33(2) u (3), l-Artikolu 36(3), l-Artikolu 38(3), l-Artikolu 39(2), l-Artikolu 45(3), l-Artikolu 46(4), l-Artikolu 48(4), l-Artikolu 59(4), il-punt b tal-Artikolu 73(3), l-Artikolu 83(1), (3), u (4) u l-Artikolu 85(3) ġew adottati;"

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"6. L-interoperabbiltà, kif imsemmi fl-Artikolu 11, mal-ECRIS-TCN għandha tibda meta **s-CIR** jibda jopera ■ . L-ETIAS għandha tibda topera irrispettivament minn jekk tkunx ġiet stabbilita l-interoperabbiltà mal-ECRIS-TCN.

7. L-ETIAS għandha tibda l-operazzjonijiet tagħha ■ irrispettivament minn jekk huwiex possibbli li jiġu kkonsultati l-bażijiet tad-data tal-Interpol **imsemmija fl-Artikolu 12.**"

(22) *l-Artikolu 89 huwa emendat kif ġej:*

(a) *il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 6(4), l-Artikolu 11(9), l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) u (3) u l-Artikolu 85(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-9 ta' Ottubru 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.";

(b) *il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 6(4), l-Artikolu 11(9), l-Artikolu 17(3), (5) u (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) u (3) u l-Artikolu 85(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ."

(c) *il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 11(9), l-Artikolu 17(3), (5) jew (6), l-Artikoli 18(4), 27(3), l-Artikolu 31, l-Artikoli 33(2), 36(4), 39(2), 54(2), l-Artikolu 83(1) jew (3) jew l-Artikolu 85(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(23) *l-Artikolu 90(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna mill-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

(24) *fl-Artikolu 92, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

"5a. Sena wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 83(1), u kull erba' snin minn dakinhar 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konsultazzjoni tal-ECRIS-TCN permezz tas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawk l-evalwazzjonijiet, flimkien mal-opinjoni tal-Bord ta' Gwida tal-ETIAS dwar id-Drittijiet Fundamentali u kwalunkwe rakkomandazzjoni meħtieġa, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Sabiex jiġu vvalutat sa fejn il-konsultazzjoni tal-ECRIS-TCN permezz tas-Sistema Ċentrali tal-ETIAS ikkontribwiet biex jintlaħaq l-objettiv tal-ETIAS, l - evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi l-punti li ġejjin:

- (a) tqabbil tal-għadd ta' hits simultanji, għall-istess applikazzjoni, fl-ECRIS-TCN relatati ma' kundanni għal reati terroristiċi kif elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament u fis-SIS relatati ma' allerti għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn;*
- (b) tqabbil tal-għadd ta' hits simultanji, għall-istess applikazzjoni, fl-ECRIS-TCN relatati ma' kwalunkwe reat kriminali ieħor kif elenkat fl-Anness għal dan ir-Regolament u fis-SIS relatati ma' allerti għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn;*

(c) għal applikazzjonijiet fejn l-unika hit hija fl-ECRIS-TCN, tqabbil tal-għadd ta' rifjuti ta' awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar mal-għadd totali ta' hits rapportati mill-konsultazzjoni tal-ECRIS-TCN.

Il-Bord ta' Gwida tal-ETIAS dwar id-Drittijiet Fundamentali għandu jipprovdi opinjonijiet fir-rigward tal-evalwazzjonijiet msemmija f'dan il-paragrafu.

L-evalwazzjonijiet jistgħu jkunu akkumpanjati, fejn meħtieġ, minn proposti leġiżlattivi.";

(25) fl-Artikolu 96, jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:

"L-Artikolu 11b għandu japplika minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]."

KAPITOLU II
EMENDI GĦAL STRUMENTI OĦRA TAL-UNJONI

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 767/2008 ■

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-aċċess għall-VIS sabiex tiġi kkonsultata d-data għandu jiġi riżervat esklussivament ***għall-persunal*** awtorizzat kif xieraq ***ta'***:

(a) l-awtoritajiet ***nazzjonali*** ta' kull Stat Membru ***u tal-korpi tal-Unjoni*** li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 22, ***l-Artikoli 22g sa 22m, u l-Artikolu 45e ta' dan ir-Regolament;***

(b) ***l-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, deżinjati skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għall-finijiet tal-Artikoli 18c u 18d ta' dan ir-Regolament u għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/1240; u***

(c) *l-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru u tal-korpi tal-Unjoni li huma kompetenti għall-finijiet tal-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (UE) 2019/817.*

Tali aċċess għandu jkun limitat sal-punt li d-data tkun meħtieġa għall-prestazzjoni tal-kompiti ta' dawk l-awtoritajiet u l-korpi tal-Unjoni skont dawk il-finijiet, u proporzjonat għall-oġettivi segwiti. ■ ";

(2) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 18b

Interoperabbiltà mal-ETIAS

1. Mid-data tal-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS, kif determinat f'konformità mal-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, *il-VIS* għandha tiġi konnessa *mal-ESP* biex tippermetti l-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.

2. Il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament u l-verifiki sussegwenti previsti fl-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.

Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża ***l-ESP*** biex tqabbel id-data maħżuna fl-ETIAS mad-data maħżuna fil-VIS, f'konformità mal-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament, bl-użu tad-data fit-tabella ta' al-korrispondenzi stabbilita fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18c

Aċċess għad-data ***tal-VIS*** mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS

1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tagħha mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandu jkollha d-dritt li taċċessa u tfittex data rilevanti tal-VIS f'konformità mal-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament.
2. Meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS ***skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/1240*** tikkonferma korrispondenza bejn data rreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS u data ***tal-VIS*** jew meta wara tali verifika jibqgħu dubji, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament .

Artikolu 18d

L-użu tal-VIS għall-ipproċessar manwali tal-applikazzjonijiet mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS

1. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, **kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240**, għandhom jikkonsultaw il-VIS bl-użu tal-istess data alfanumerika bħal dik użata għall-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6) u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.
2. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS ■ għandu jkollhom aċċess **temporanju** biex jikkonsultaw il-VIS, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (EU) 2018/1240. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli 9 sa 14 ta' dan ir-Regolament.
3. Wara konsultazzjoni tal-VIS mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, persunal awtorizzat b'mod xieraq tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jirreġistra **r-riżultat** tal-konsultazzjoni **biss** fil-fajls tal-applikazzjoni tal-ETIAS.";

(3) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 34a

Iż-żamma ta' reġistrazzjonijiet *għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-ETIAS*

Ir-reġistrazzjonijiet ta' kull operazzjoni ta' pproċessar ta' data mwettqa fi ħdan il-VIS u l-ETIAS skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandha tinżamm skont l-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) 2018/1240.";

(4) l-Anness jiġi nnumerat bħala Anness I u jiżdied l-anness li ġej:

"Anness II

Tabella ta' korrispondenza

Data kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS	Id-data <i>tal-VIS korrispondenti</i> msemmija fl-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament li magħha għandha titqabbel id-data <i>fl-ETIAS</i>
il-kunjom (isem il-familja)	il-kunjomijiet
il-kunjom mat-twelid	<i>il-kunjom</i> mat-twelid (<i>isem/ismijiet il-familja</i> ta' qabel)
l-isem/ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja))	l-isem/ismijiet
id-data tat-twelid	id-data tat-twelid
il-post tat-twelid	il-post tat-twelid

il-pajjiż tat-twelid	il-pajjiż tat-twelid
is-sess	is-sess
in-nazzjonalità attwali	in-nazzjonalità <i>jew in-nazzjonalitajiet</i> attwali u n-nazzjonalità mat-twelid
nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm)	in-nazzjonalità <i>jew in-nazzjonalitajiet</i> attwali u n-nazzjonalità mat-twelid
it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar	it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar
in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar	in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar
il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar	<i>il-pajjiż</i> li <i>ħareġ</i> id-dokument tal-ivvjaġġar

”.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/2226

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(k))tappoġġa l-għanijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).";

(2) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 8a

Proċess awtomatizzat mal-ETIAS

1. Proċess awtomatizzat, bl-użu ***tal-kanal ta' komunikazzjoni sikur imsemmi fil-punt (da)*** tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jippermetti lill-EES toħloq jew taġġorna r-rekord tad-dħul/ħruġ jew ir-rifjut tar-rekord tad-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz eżenti mill-ħtieġa ta' viża fl-EES skont l-Artikoli 14, 17 ***u 18*** ta' dan ir-Regolament.

Meta jinħoloq rekord ta' dħul/ħruġ ***jew rekord ta' rifjut ta' dħul*** ta' ċittadin ta' pajjiż terz eżenti mill-ħtieġa ta' viża, il-proċess awtomatizzat imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jippermetti lis-Sistema Ċentrali tal-EES:

(a) li tikkonsulta u li timporta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, in-numru ta' applikazzjoni u ***d-data tal-iskadenza*** tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS;

- (b) li taġġorna r-rekord ta' dħul/ħruġ fl-EES skont l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament; **u**
- (c) *li taġġorna r-rekord ta' rifjut ta'dħul fl-EES skont il-punt b tal-Artikolu 18(1) ta' dan ir-Regolament.*
2. *Proċess awtomatizzat, bl-użu tal-kanal ta' komunikazzjoni sikur imsemmi fil-punt (da) tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jippermetti lill-EES tipproċessa konsultazzjonijiet li jaslu mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS u tibgħat it-tweġibiet korrispondenti skont l-Artikolu 11c u l-Artikolu 41(8) ta' dak ir-Regolament. Meta jkun meħtieġ, is-sistema Ċentrali tal-EES għandha tirreġistra l-fatt li notifika trid tintbagħat lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS hekk kif rekord ta' dħul/ħruġ li jindika li l-applikant li jkun talab ir-revoka tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri jkun inħoloq.*

Artikolu 8b

Interoperabbiltà mal-ETIAS

1. Mild-data tal-bidu tal-operat tal-ETIAS, kif determinat f'konformità mal-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-EES għandha tiġi konnessa **mal-ESP** biex tippermetti l-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240, il-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament u l-verifiki sussegwenti previsti fl-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.

Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża **l-ESP** biex tqabbel id-data maħżuna fl-ETIAS mad-data fl-EES, f'konformità mal-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament, bl-użu tat-tabella ta' korrispondenzi stabbilita **fl-Anness III** ta' dan ir-Regolament.

Il-verifiki msemmija fil-punti (g) u (h) tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 24(3) ta' dak ir-Regolament.";

(3) fl-Artikolu 9, jiddaħħal il-paragrafu ■ li ġej:

"2a. Il-persunal awtorizzat b'mod xieraq tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, deżinjati skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandu jkollu aċċess għall-EES biex jikkonsulta d-data fl-EES f'format li jinqara biss.";

(4) *jiddaħħal l-artikolu li ġej:*

"Artikolu 13a

Proċeduri ta' riżerva fil-każ ta' impossibbiltà teknika għat-trasportaturi li jaċċessaw id-data

1. Meta jkun teknikament impossibbli li wieħed jipproċedi bil-verifika msemmija fl-Artikolu 13(3), minħabba ħsara fi kwalunkwe parti tal-EES, it-trasportaturi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jivverifikaw jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu viża għal soġġorn qasir maħruġa għal dħul wieħed jew għal żewġ daħliet ikunx diġà uża l-għadd ta' daħliet awtorizzati mill-viża tiegħu. Meta tali ħsara tiġi identifikata mill-eu-LISA, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinnotifika lit-trasportaturi u lill-Istati Membri. Għandha tinnotifika wkoll lit-trasportaturi u lill-Istati Membri meta l-ħsara tisewwa. Meta tali ħsara tiġi identifikata mit-trasportaturi, jistgħu jinnotifikaw lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinforma lill-Istati Membri mingħajr dewmien dwar innotifika tat-trasportaturi.

2. *Meta, għal raġunijiet oħra għajr ħsara fi kwalunkwe parti mill-EES, ikun teknikament impossibbli għal trasportatur li jipproċedi bil-verifika msemmija fl-Artikolu 13(3) għal perjodu twil ta' żmien, it-trasportatur għandu jinnotifika lill-Unità Ċentrali tal-ETIAS. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tinforma lill-Istati Membri mingħajr dewmien dwar in-notifika ta' dak it-trasportatur.*
3. *Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi d-dettalji tal-proċeduri ta' riżerva msemmija f'dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 68(2).*
4. *L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tipprovdi appoġġ operazzjonali lit-trasportaturi b'rabta mal-paragrafi 1 u 2. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tistabbilixxi proċeduri operazzjonali standard li jistipulaw kif dan l-appoġġ għandu jingħata. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta aktar regoli dettaljati dwar l-appoġġ li għandu jingħata u l-mezzi biex jingħata dan l-appoġġ. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 68(2). ";*

(5) fl-Artikolu 17(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Id-data li ġejja għandha tiddaħħal ukoll fir-rekord tad-dħul/ħruġ:

- (a) in-numru tal-applikazzjoni ***tal-ETIAS***;
- (b) id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS;
- (c) fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar ***tal-ETIAS*** b'validità territorjali limitata, l-Istat Membru jew l-Istati Membri li għalih jew għalihom hija valida.";

(6) ***fl-Artikolu 18(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"(b) għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-ħtieġa ta' viża, id-data alfanumerika meħtieġa skont l-Artikolu 17(1) u (2) ta' dan ir-Regolament;"

(7) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 25a

Aċċess għad-data tal-EES mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS

1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandu jkollha d-dritt għall-aċċess u t-tfittix tad-data tal-EES skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament.
2. Meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS ***f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2018/1240*** tikkonferma korrispondenza bejn id-data rreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS u d-data tal-EES jew meta wara vtali verifika jibqgħu dubji, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 25b

Użu tal-EES għall-ipproċessar manwali tal-applikazzjonijiet mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS

1. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, kif imsemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, għandhom jikkonsultaw l-EES bl-użu tal-istess data alfanumerika bħal dik użata għall-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.
2. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess għall-EES u jistgħu jikkonsultawha, f'format li jinqara biss, għall-fini tal-eżami tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli 16 sa 18 ta' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240.
3. Wara konsultazzjoni tal-EES mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, persunal awtorizzat b'mod xieraq tal-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jirreġistra r-riżultat tal-konsultazzjoni biss fil-fajls tal-applikazzjoni tal-ETIAS.";

(8) l-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 28

Iż-żamma ta' data miksuba mill-EES

Id-data miksuba mill-EES skont l-Artikoli 24, 25, 26 u 27 tista' tinżamm f'fajls nazzjonali u d-data miksuba mill-EES skont ***l-Artikoli 25a u 25b*** tista' tinżamm fil-fajls tal-applikazzjoni tal-ETIAS biss meta jkun meħtieġ f'każ individwali, skont il-fini li għalih inkisbet u skont id-dritt tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, u mhux għal aktar minn dak li hu strettament meħtieġ f'dak il-każ individwali.";

(9) fl-Artikolu 46(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ir-reġistrazzjonijiet ta' kull operazzjoni ta' pproċessar ta' data mwettqa fi ħdan l-EES u l-ETIAS skont l-Artikoli 8a, 8b u 25a ta' dan ir-Regolament għandhom jinżammu f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) 2018/1240.";

(10) jżdzied l-anness li ġej:

"Anness III

Tabella ta' korrispondenza

Data kif imsemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS	Id-data korrispondenti tal-EES imsemmija <i>fil-punt (a)</i> tal-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament li magħha ■ għandha titqabbel id-data <i>fl-ETIAS</i>
il-kunjom (isem il-familja)	il-kunjomijiet
il-kunjom mat-twelid	il-kunjomijiet
l-isem/ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja))	l-ewwel isem jew ismijiet (ismijiet mogħtija)
ismijiet oħra (psewdonimu/psewdonimi, l-isem/ismijiet artistiku/artistiċi, l-isem/ismijiet tas-soltu)	l-ewwel isem jew ismijiet (ismijiet mogħtija)
id-data tat-twelid	id-data tat-twelid

is-sess	is-sess
in-nazzjonalità attwali	in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet
nazzjonalitajiet oħrajn (jekk hemm)	in-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet
it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar	it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar
in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar	in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar
il-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar	il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż tal-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar

”.

Artikolu 4

Emenda għar-Regolament (UE) 2018/1860

Fir-Regolament (UE) 2018/1860, l-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 19

Applikabbiltà tar-Regolament (UE) 2018/1861

Dment li ma jkunux stabbiliti f'dan ir-Regolament, id-dħul, l-ipproċessar u l-aġġornament ta' allerti, id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u ta' eu-LISA, il-kondizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-allerti u l-perjodu ta' rieżami tagħhom, l-ipproċessar tad-data, il-protezzjoni tad-data, ir-responsabbiltà u l-monitoraġġ u l-istatistika, kif stipulat fl-Artikoli 6 sa 19, l-Artikolu 20(3) u (4), l-Artikoli 21, 23, 32 u 33, l-Artikolu 34(5) u l-Artikoli 36a, 36b, 36c u 38 sa 60 tar-Regolament (UE) 2018/1861, għandhom japplikaw għal data mdaħħla u pproċessata fis-SIS skont dan ir-Regolament."

Artikolu 5

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/1861

Ir-Regolament (UE) 2018/1861 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 18*b*

Żamma ta' reġistri għall-finijiet tal-interoperabbiltà mal-ETIAS

Ir-reġistri ta' kull operazzjoni ta' pproċessar tad-data mwettqa fi ħdan is-SIS u l-ETIAS skont l-Artikoli 36a u 36b ta' dan ir-Regolament għandhom jinżammu skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jstabilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).";

(2) fl-Artikolu 34(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(h) l-ipproċessar manwali ta' applikazzjonijiet tal-ETIAS mill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2018/1240.";

(3) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 36b

Aċċess għad-data tas-SIS mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS

1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, l-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament, għandu jkollha id-dritt ta' aċċess u ta' tfittix ta' data rilevanti mdaħħla fis-SIS **skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament**. L-Artikolu 36(4) **sa** (8) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal dak l-aċċess u tfittix.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240, meta verifika mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS f'konformità **mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament** tikkonferma korrisondenza bejn id-data rreġistrata fil-fajl tal-applikazzjoni tal-ETIAS u allert fis-SIS **jew meta wara tali verifika jibqgħu dubji**, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 36c

Interoperabbiltà mal-ETIAS ■

1. Mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-ETIAS, kif previst fl-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-SIS Ċentrali għandha tiġi konnessa **mal-ESP** biex tippermetti l-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament u l-verifiki sussegwenti previsti fl-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.

2. Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki *msemmija fil-punti (c), (m)(ii) u (o)* tal-Artikolu 20(2) ■ tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża *l-ESP* biex tqabbel id-data msemmija fl-Artikolu 11(4) ta' dak ir-Regolament ma' data fis-SIS skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament.

3. ***Għall-fini tal-proċediment għall-verifika msemmija fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6) u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-ESP biex tivverifika regolarment jekk allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn imdaħħal fis-SIS, li wassal għar-rifjut, l-annullament jew ir-revoka ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar ikunx tħassar.***

4. ***Skont l-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2018/1240, meta allert ġdid għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn jiddaħħal fis-SIS, is-SIS Ċentrali għandha tittrażmetti d-data msemmija fil-punti (a) sa (d), (f) sa (i) u (s) sa (v) tal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-Regolament, lis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS, bl-użu tal-ESP, sabiex tivverifika jekk dak l-allert il-ġdid jikkorrispondix għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar *valida*."***

Artikolu 6

Emenda għar-Regolament (UE) 2019/817

Fl-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2019/817, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1b. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-ESP għandha tibda l-operazzjonijiet għall-finijiet tal-verifiki awtomatizzati skont l-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240 biss, ladarba l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 88 ta' dak ir-Regolament (UE) 2018/1240 ikunu ġew issodisfati."

KAPITOLU III
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 7
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

■

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President